MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tal-15 ta' Settembru, 2014

Numru. 923/2012

**Il-Pulizija**

**[Spettur Joseph Busuttil]**

**vs**

**William Galea**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi William Galea detentur tal-karta tal-identita` numru 449091(M).

Akkuzat talli:

Fil-5 ta’ April 2012, ghall-habta ta’ 23.15hrs waqt li kien fi Vjal l-Indipendenza, Mosta, Malta, b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b’nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti, ikkaguna feriti ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Aaron Zammit ID 496279M skont kif iccertifikat Dr Samantha Camilleri reg: 3318 mid-dipartiment tal-emergenza tal-isptar Mater Dei;

Aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi saq vettura numru WIL002 b’nuqqas ta’ hsieb, jew bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila jew professjoni tieghu, jew b’nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti tat-traffiku, habat ma’ vettura HA650 u involontarjament ikkaguna hsarat fl-istess vettura; u

Aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi saq vettura numru WIL002 b’manjiera traskurata.

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih.

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali biex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat il-fedina ta-imputat li hija netta.

Din il-kawza tittratta fuq incident awtomobilstiku bejn karrozza misjuqa mill-imputat u mutur fi Vjal Indipendenza, Mosta.

**PROVI**

Semghet ix-xhieda ta’PS 1574 **Renaldo Cremona** li kien il-persuna li mar fuq il-post tal-incident u fejn ha l-ewwel verzjonijiet tal-partijiet involuti. Illi mill-ewwel irrizultalu illi il-vittma Aaron Zammit li kien qed isuq il-mutur, kien ittiehed l-isptar Mater Dei b’ambulanza. Is-surgent Cremona xehed illi ha il-verzjonijiet sija tal-imputat kif ukoll ta’ xhud okulari li kien qed isuq ezatt wara l-imputat u cioe` ta’ Christopher Grima. Illi l-verzjonijiet taghhom qablu fis-sens illi l-mutur kien ezatt wara l-imputat u meta l-imputat xeghel l-indikatur sabiex idur lejn ix-xellug, dan tal-mutur prova jkun aktar veloci minnu u jiskapulah minn gewwa, izda bil-konsegwenza li ma rnexxielux u l-imputat dahal go fih (vide skizz a fol 26 tal-process).

Semghet ix-xhieda ukoll ta’ **Christopher Grima** fejn huwa spjega illi kien gej min-naha tal-Mellieha fi Vjal Indipendenza, Mosta biswit il-kappella ta’ San Silvestru. Huwa spjega l-incident b’dawn il-kliem (fol 42):

> ***". . . X'hin kont qed insuq rajt mill-mera mutur bid-dawl abjad gej minn warajja u qalaghni min-naha ta' gewwa lili. Kien hem mil-wisa' u qalaghni. Rajtu jzid l-ispeed. Kien hemm qisu naqra ta'nizla, jekk it-triq tafha sewwa. Zied l-ispeed u rajt il-karrozza, l-Honda u l-double o two (002) bl-indicator mizghul diehel fit-triq on the left, jigifieri fuq in-naha tal-passiggier tieghu. U tal-mutur zied l-ispeed. Ma rahx nimmagina u baqa' diehel dritt go fih. Jiena mbaghad waqqaft il-karrozza mal-genb, hrigt, cempilt l-ambulanza, ghax lilt al-mutur naf li rajtu jtir. Fejn waqa' ma rajtx ezatt ezatt. Cempilna l-ambulanza. Lil tal-karozza, poggejna bilqieghda u bdejt nghinu ghax kien that xokk kbir. Qas kien qisu jaf x'gara."***

Xehed il-vittma **Aaron Zammit** illi fid-depozizzjoni tieghu a fol 28 tal-process qal hekk:

> ***"U x'hin rajtu qed jaghmel gheddejjin hekk ghidt dan ser idur fuq in-naha tar-right tan-naha ta' Ventur, fejn hemm id-dealer Ventur. Naqqast ikar l-ispeed ghax ovvjament ma jmurx jibrekja qabel ma jikser u dan f'kemm ilni nghidlek ghaddejjin u qabad jikser lejn in-naha ta' Ventur. Jien gejt bi triq vojta quddiemi, kkalkulajt fejn irrid immur fit-triq, zidt daqsxejn l-ispeed, harist fuq in-naha tal-left ghax kien hemm side road, kif ergajt harist lejn quddiem fid-dritt fejn kont sejjer insib bon, mhux bonnet qisu outline quddiemi kien ta' bonnet imam kien wisq vicin, litteralment lanqas cans nibbrejkja xejn, sibt bonnet quddiemi ta' karrozza."***

Finalment xehed l-imputat **William Galea** li xehed illi kien telaq mill-pjazza tal-Mosta lejn il-knisja ta' San Silvestru u meta kien xeghel l-indikatur sabiex idur fuq ix-xellug biex imur id-dar tieghu, kien gej mutur minn warajh li f'daqqa wahda qabzu minn naha tax-xellug bil-konsegwenza li baqa' diehel fil-bieba tal-passiggier.

Rat ukoll is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (sede kollizzjonijiet) a fol 52 tal-process, li kienu proceduri fuq l-isess incident kontra il-parte civile Aaron Zammit fejn dan gie misjub hati talli kkaguna Danni lill-imputat William Galea.

**<u>Kunsiderazzjonijiet</u>**

Illi dan huwa kaz car hafna fejn minghajr ombra ta' dubju, l-kawza tal-incident kien tas-sewwieq tal-mutur u cioe` Aaron Zammit. Anke jekk ma gietx esebita is-sentenza hawn fuq citata, din il-Qorti xorta kienet ser tasal ghal konkluzjoni illi l-imputat ma kellu l-ebda responsabilita` fl-incident u dan ghaliex fortunatament kien hemm xhud okulari u indipendenti illi xehed kif graw l-affarijiet. Aktar u aktar, din il-verzjoni kienet korroborata ma' dik tal-imputat u anke l-verzjoni tal-parte civile ma kenitx kontra.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti qed tillibera lill-imputat **<u>William Galea</u>** mill-akkuzi kif dedotti kontrih stante li ma gewx ippruvati.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------